MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 21/2012

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mary Grace Buhagiar**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Mary Grace Buhagiar talli b'diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l- istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ghax- xhur ta' Apri1 2011, Mejju 2011 u Gunju 2011, meta hekk ordnata minn xi Qorti jew marbuta b'kuntratt, naqset li taghti lil Joseph Buhagiar u/jew lil uliedha s- somma ffissata minn xi Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha tithallas dik is-somma;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-11 ta’ Jannar 2012 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 338(z) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmija Mary Grace Buhagiar hatja ta’ l-imputazzjoni kif dedotta, illiberatha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien tliet xhur mid-data tas-sentenza a tenur ta’ l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll ordnat li l-istess Mary Grace Buhagiar thallas l-ammont ta’ hames mija w erbghin euro (€540) lil Joseph Buhagiar fi zmien xahar mid-data tas-sentenza ai termini ta’ l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Mary Grace Buhagiar pprezentat fit-18 ta’ Jannar 2012 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u dan billi tilliberaha minn kull piena u imputazzjoni.

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat illi fis-seduta tallum stess Dott. Charmaine Galea ghall-appellanti u Dott. Kris Busietta ghall-*parte civile* nfurmaw lill-Qorti li sar kuntratt ta’ separazzjoni u li l-ammont dovut thallas mill-appellanti, konsegwentement Dott. Charmaine Galea rtirat l-aggravji u zammet ferm l-aggravju dwar il-piena; ikkunsidrat:

**5.** Kif gie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Publius Said** deciz fid-9 ta’ Lulju 2003 u f’diversi sentenzi sussegwenti:

**“l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il--kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti u osservati skrupolozament.”**

**6.** Peress illi l-ammont dovut mill-appellanti jinsab pjenament sodisfatt u sahansitra sar kuntratt ta’ separazzjoni, ghandu jkun hemm temperament fil-piena.

**6.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha in kwantu ghall-htija izda tirrevokaha in kwantu lliberat lill-appellanti bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien tliet xhur mid-data tas-sentenza a tenur ta’ l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll in kwantu ordnat li l-appellanti thallas l-ammont ta’ hames mija u erbghin euro (€540) lil Joseph Buhagiar fi zmien xahar mid-data tas-sentenza ai termini ta’ l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, u minflok tikkundannaha ghal canfira u twiddiba skond l-artikolu 15(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------